Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,176, 18 ta' Diċembru, 2001
Taqsima B

A.L. 304 ta' 2001

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tas-sena 2001 tal-Kors għall-Grad ta' Master of Business Administration - M.B.A. - Executive Master of Business Administration - Executive M.B.A. - u Executive Master of Business Administration (e-Business) - Executive M.B.A. (e-Business)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti tas-sena 2001 tal-Kors għall-grad ta' Master of Business Administration - M.B.A. - Executive Master of Business Administration - Executive M.B.A. - u Executive Master of Business Administration (e-Business) - Executive M.B.A. (e-Business).

(2) F'dawn ir-regolamenti, ħlief meta t-test jindika xort'oħra -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà' ta' l-Economics, Management u Accountancy,

"id-Diploma" tfisser id-Diploma in Business Administration - Dip. B.A. - jew id-Diploma in Business Administration (e-Business) - Dip. B.A. (e-Business); u

"il-Kors" tfisser il-kors ta' l-istudji li jwassal għall-grad ta' Master of Business Administration - M.B.A. - għall-grad ta' Executive Master of Business

Administration - Executive M.B.A. - jew għall-grad ta' Executive Master of Business Administration (e-Business) - Executive M.B.A. (e-Business), kif xieraq.

Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2001 jew wara.

Kwalifiki għad-Dħul

3. (1) L-applikanti li jridu jidħlu fil-kors li jwassal għall-grad ta' Master of Business Administration għandu jkollhom:

(a) grad ta' Bachelor fil-Commerce jew fl-Accountancy b'mill-anqas it-tieni klassi bl-unuri minn din l-Universita'; jew

(b) grad ta' Bachelor minn universita' rikonoxxuta għal dan il-għan mis-Senat, sakemm l-applikanti:

(i) fl-opinjoni tal-Kumitat għad-Dħul tal-Fakulta' jistgħu jsegwu l-kors bi profitt; u

(ii) jkunu temmew b'suċċess Kors ta' Tranżizzjoni li jinftiex fuq sena qabel jidħlu fil-kors.

(2) L-applikanti li jridu jidħlu fil-kors li jwassal għall-grad ta' Master of Business Administration ma jistgħux ikunu impjegati fuq bażi *full-time* matul l-Ewwel Parti tal-kors.

4. (1) L-applikanti li jridu jidħlu fil-kors li jwassal għall-grad ta' Executive Master of Business Administration jew Executive Master of Business Administration (e-Business) għandu jkollhom:

(a) grad ta' Bachelor f'qasam relatat b'mill-anqas Kategorija II minn din l-Universita' jew minn universita' rikonoxxuta għal dan il-għan mis-Senat; jew

(b) grad ta' Bachelor fil-Business and Computing b'mill-anqas Kategorija II jew grad ta' Bachelor of Engineering (Honours) b'mill-anqas it-tieni klassi minn din l-Universita'; jew

(ċ) grad jew kwalifika professjonali rikonoxxuti għal dan il-għan mis-Senat, flimkien ma' mill-anqas erba' snin esperjenza ta' xogħol f'pożizzjoni maniġerjali, jew

(d) 'il fuq minn tmienja u għoxrin sena, b'mill-anqas erba' snin esperjenza ta' xogħol f pożizzjoni maniġerjali, sakemm ikunu kkunsidrati mill-Bord għad-Dħul ta' l-Universita', fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għad-Dħul tal-Fakulta' u tal-Bord, li għandhom il-kwalifiki akkademiċi, it-taħriġ, it-tagħrif, il-kapaċitajiet u l-esperjenza meħtieġa biex isegwu l-Kors bi profitt.

(2) L-applikanti li jkunu aċċettati għall-kors skond il-paragrafi (a), (ċ) u (d) tar-regolament 4 u jixtiequ jispeċjalizzaw fl-e-Business għandhom jissodisfaw lill-Bord li għandhom il-kwalifiki u l-esperjenza meħtieġa biex isegwu l-kors bi profitt.

Il-Kors ta' Tranżizzjoni

5. (1) L-applikanti li jridu jidħlu skond is-sotto-paragrafu (b) tal-paragrafu (1) tar-regolament 3, u skond ir-regolament 4, jkunu meħtieġa jtemmu b'suċċess Kors ta' Tranżizzjoni qabel jidħlu f'xi wieħed mill-korsijiet, ħlief jekk mhux stipulat mod ieħor mill-Bord f'dawk il-każijiet meta l-applikanti jkunu segwew korsijiet simili fil-kontenut għall-Kors ta' Tranżizzjoni.

(2) Il-Kors ta' Tranżizzjoni, li jinfirex fuq sena ta' studju fuq bażi *full-time*, għandu jkun maħsub biex jiżgura li l-istudenti jilħqu l-livell meħtieġ għad-dħul f'wieħed mill-korsijiet.

(3) Fil-każ tal-Kors ta' Tranżizzjoni, il-Bord jista' japprova t-trasferiment ta' taqsimiet studju mitmuma b'suċċess f'kors ieħor, sakemm dawn ikunu simili fil-kontenut u fil-livell.

It-Tul tal-Kors

6. (1) Il-Kors jinfirex fuq tliet semestri ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti tagħhom fi studju fuq bażi *part-time*.

(2) Il-kors għall-Executive Master of Business Administration u għall-Executive Master of Business Administration (e-Business) ikun offrut biss fuq bażi *part-time*.

(3) Kwalunkwe perijodu ta' studju fuq bażi *part-time* għandu normalment ikun ekwivalenti għal nofs il-perijodu meħtieġ għal studju fuq bażi *full-time*.

(4) L-istudenti jistgħu jitħallew mill-Bord itemmu l-Kors fi żmien 30 xahar ta' studju fuq bażi *full-time* jew 48 xahar ta' studju fuq bażi *part-time* wara li jirreġistraw.

Provvediment Speċjali għall-Korsijiet offruti fil-Link Campus ta' l-Università' ta' Malta, stabbilita f'Ruma, l-Italja

7. Il-Bord jista' japprova li studenti li jsegwu l-kors tal-Master of Business Administration fil-Link Campus, Ruma, l-Italja jtemmu l-kors f'perijodu iqsar minn dak indikat fil-paragrafi (1) u (3) tar-regolament 6, sakemm isiru provvedimenti adekwati biex l-istudenti jagħmlu l-kors ta' studju kollu fil-perijodu iqsar.

Il-Kors ta' l-Istudji

8. (1) Il-Kors għandu jkun maqsum f'żewġ partijiet: L-Ewwel Parti u t-Tieni Parti. Għandu jikkonsisti f'taqsimiet studju, li għalihom huma assenjati mhux anqas minn 25 kredtu, u dissertazzjoni, li għaliha huma assenjati 6 kredti.

(2) Katalgu tat-taqsimiet studju offruti matul il-Kors, li juri t-taqsimiet studju obbligatorji u dawk li għandhom jittieħdu qabel oħrajn, il-kredti assenjati għal kull waħda u l-ordni li fih għandhom jittieħdu, għandu jkun approvat mis-

Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord, u għandu jkun ippubblikat qabel il-bidu ta' kull Kors.

L-Ewwel Parti tal-Kors

9. (1) L-Ewwel Parti tal-Kors tinfirex fuq żewġ semestri, li matulhom l-istudenti għandhom isegwu taqsimiet studju magħżula mill-oqsma ta' studju li ġejjin, kif mitlub mill-Bord:

L-Ewwel Stadju:

(a) Accounting and Finance
(b) Organisational Behaviour
(ċ) Management Information Systems
(d) Operations Management
(e) Human Resource Management
(f) Marketing Management
(g) Information Systems Management
(h) e-Commerce and e-Programming

It-Tieni Stadju:

(a) Managing Strategy
(b) Research Methods (Qualitative and Quantitative)
(c) (i) għall-MBA u għall-Executive MBA: Tliet taqsimiet studju magħżula minn dawn li ġejjin: Advanced Marketing Management, Advanced Human Resource Management, Project Management and Tourism Management jew xi taqsimiet studju oħra li l-Bord jista' jindika minn żmien għall-żmien;
(ii) għall-Executive MBA (e-Business): Tliet taqsimiet studju fil-qasam ta' l-e-Business.

(2) Sabiex itemmu l-Ewwel Parti tal-Kors u jkomplu għat-Tieni Parti, l-istudenti għandhom:

(a) jiksbu minimu ta' 24 kredtu, li jinkludu l-kredti għat-taqsimiet studju obbligatorji u għal dawk li għandhom jitħejjdu qabel taqsimiet studju oħrajn f'kull waħda mill-oqsma ta' studju speċifikati f'paragrafu (1) ta' dan ir-regolament; u

(b) jgħaddu mill-eżami bil-miktub li jsir fl-aħħar ta' l-Ewwel Parti kif speċifikat fir-regolament 11.

It-Tieni Parti tal-Kors

10. (1) It-Tieni Parti tinfirex fuq it-tielet semestru li matulu l-istudenti jkunu meħtieġa jissottomettu dissertazzjoni ta' mhux anqas minn 15,000 kelma u mhux aktar minn 25,000 kelma. 6 kredti huma assenjati għad-dissertazzjoni. Fil-każ ta' l-M.B.A. (e-Business), id-dissertazzjoni normalment tinkludi komponent prattiku.

(2) L-istudenti għandhom jissottomettu s-suġġett tad-dissertazzjoni tagħhom għall-approvazzjoni tal-Bord ta' l-anqas xahrejn qabel it-tmiem ta' l-Ewwel Parti tal-Kors.

(3) Wara l-approvazzjoni tas-suġġett tad-dissertazzjoni, il-Bord għandu:

(a) jaħtar tutur sabiex imexxi u jagħmel superviżjoni tax-xogħol ta' l-istudenti; u

(b) jirrakkomanda lis-Senat il-Bordijiet ta' l-Eżaminaturi, magħmula minn tliet membri, biex jeżaminaw id-dissertazzjonijiet.

(4) Id-dissertazzjonijiet għandhom ikunu sottomessi għall-eżami sa l-aħħar tat-tielet semestru tal-Kors, sakemm l-istudenti ma jingħatawx permess biex jissottomettuhom aktar tard kif permess mill-provvedimenti tal-paragrafu (4) tar-regolament 6.

L-Eżami

11. (1) L-istudenti li jiksbu l-għadd ta' kredti indikat fis-sotto-paragrafu (a) tal-paragrafu (2) tar-regolament 9 ikunu eliġibbli biex jagħmlu l-eżami bil-miktub li jsir fl-aħħar ta' l-Ewwel Parti tal-Kors.

(2) L-eżami bil-miktub jikkonsisti f'ħames karti.

(3) Studenti li jeħlu f'mhux aktar minn żewġ karti ta' l-eżami bil-miktub jitħallew jersqu għas-sessjoni riparatorja ta' l-eżamijiet fil-karta/i li fihom weħlu. L-ogħla grad li jista' jingħata fis-sessjoni riparatorja huwa grad D. L-istudenti li jeħlu fi tliet karti jew aktar fl-ewwel sessjoni jew jeħlu f'xi karta fis-sessjoni riparatorja ma jitħallewx ikomplu għat-Tieni Parti tal-Kors.

12. L-istudenti li mhumiex eliġibbli biex ikomplu għat-Tieni Parti tal-Kors jistgħu jingħataw id-Diploma jekk huma jkunu kisbu minimu ta' 20 kredtu (inklużi dawk għal xi taqsimiet studju obbligatorji jew li għandhom jitlieħdu qabel xi taqsimiet studju minnhom) u jekk huma jgħaddu minn eżami *viva voce*.

Progress

13. (1) It-taqsimiet studju, il-karti ta' l-eżami u d-dissertazzjoni jingħataw il-gradi li ġejjin li jibdew mill-ogħla grad: A, B, Ċ, D u F, fejn F tindika li wieħed weħel.

(2) L-istudenti li ma jiksbux kredtu għall-taqsima studju jistgħu jitħallew ikunu valutati mill-ġdid darba biss. L-ogħla grad li jista' jingħata fil-valutazzjoni mill-ġdid huwa grad D.

(3) L-istudenti għandhom jgħaddu mill-eżami bil-miktub li jsir fl-aħħar ta' l-Ewwel Parti u għandhom jgħaddu mid-dissertazzjoni fl-aħħar tat-Tieni Parti sabiex jikkwalifikaw għall-għoti tal-Grad.

Ir-Riżultat Finali

14. (1) Ir-riżultat finali għandu jqis il-livell milħuq mill-istudenti fit-taqsimiet studju, fl-eżami u fid-dissertazzjoni.

(2) L-ismijiet ta' l-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tal-grad ta' Master of Business Administration jew tal-grad ta' Executive Master of Business Administration jew tal-grad ta' Executive Master of Business Administration jew tal-grad ta' Executive Master of Business Administration (e-Business) għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda.

Tħassir

15. Ir-Regolamenti tas-sena 2000 tal-Kors għall-Gradi ta' Master of Business Administration - M.B.A. - u Executive Master of Business Administration - Executive M.B.A. ippubblikati bħala Avviż Legali Nru. 41 ta' l-2000, għandhom jitqiesu li spiċċaw mit-30 ta' Settembru 2001,
iżda l-istudenti rreġistrati għal dawn il-korsijiet qabel l-1 ta' Ottubru 2001 għandhom ikomplu jkunu regolati mir-regolamenti li kienu jgħoddu fiż-żmien meta bdew il-kors.